**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Borg)**

**Vs**

**Muhannad Fadlallah Ali**

Kaz Numru: 472/15

Illum 28 ta' Gunju 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Muhannad Fadlallah Ali, iben Fadlallah Ali u Galea Ali, imwieled Benghazi Libja, fil-21 ta' Marzu, 1984 u residenti Hal Far Open Centre, detentur ta'numru tar-Refugjati 18285/14:

Akkuzat talli nhar l-4 ta' Gunju 2015 bejn l-erbgha ta' filghaxija u s-sitta ta' filghaxija (16:00 hours - 18:00 hours), gewwa Triq Sant' Orsla, Valletta u f'dawn il-Gzejjer;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Rachid Awad Adam Yakub f'periklu car ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rachid Awad Adam Yakub hekk kif gie ccertifikat minn Dr. J. Zammit M.D. bin-numru tar-registru mediku 3054 mill-Isptar Mater Dei;

2. U aktar talli volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' Mario Demanuele u terzi ohra, liema hsara tiskorri l-mitejn u hamsin euro (€250) izda mhux aktar minn elfejn u hames mitt euro (€2,500) u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi; volontarjament kiser il-bon-ordni iew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(m) tai-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Rachid Awad Adam Yakub jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b' obbiigazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti u dan ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. fl-artikoli 214, 215 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-artikoli 382A,383, 384, 385, 386, 387 and 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. fl-artikoli 17, 31, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Mill-provi processwali jirrizulta li fid-data tal-incident l-imputat u l-parte leza kienu qeghdin jahdmu flimkien fuq il-lant tax-xoghol sa minn filghodu. Gara li kellhom xi jghidu fuq kwistjonijiet tax-xoghol u ghaddew kummenti fil-konfront ta' xulxin. L-imputat fl-istqarrija tieghu jghid li l-parte civile offenda lil ommu. L-affarijiet ikkalmaw bejniethom u baqghu jahdmu. Meta spiccaw mix-xoghol telqu flimkien u l-imputat ippretenda li l-parte leza jiskuza ruhu ghaliex kien offenda lil ommu mentri l-parte leza ried lill-akkuzat jiskuza ruhu minhabba d-diskors li kien qallu precedentement. Huma spiccaw jargumentaw u gew fl-idejn. Il-parte civile jixhed li l-imputat tah daqqa ta' ras, imbaghad tah bil-ponn u t-tielet darba tah fuq rasu fuq in-naha ta' wara. B'konsegwenza ta' dan il-parte leza waqa' ghal fuq bieb ta' hotel li kien tal-hgieg u habat rasu u wegga'.

L-imputat irrilaxxja stqarrija wkoll fejn jammetti li kien hemm dan l-incident ghalkemm jallega li kien il-parte civile li beda dan kollu.

Il-Qorti tqis li ghandha temmen il-versjoni tal-parte leza. Jirrizulta mill-provi li b'kawza ta' dan l-incident il-parte leza sofra griehi ta' natura gravi billi l-parte leza spicca b'cikatrici li ghandha t-tarf inferjuri taghha jestendi ghal fuq in-naha tal-lemin tal-mohh. Hekk kif ikkonstata l-espert Dr Mario Scerri din ic-cikatrici tidher sewwa *from talking distance.* Fid-dawl ta' dan kollu jirrizulta li l-ewwel imputazzjoni giet ampjament ippruvata. In-natura tal-griehi izda jaqghu fil-parametri tal-artiklu 216 tal-Kodici Kriminali u mhux tal-artikolu 218 tal-Kapitolu 9.

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni l-imputat qieghed jigi addebitat bi hsara volontarja. Din l-imputazzjoni ma tistax tirrizulta. L-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ta' gudizzju ikkwota l-artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali. Fil-fehma tal-Qorti l-imputat ma jistax jinstab hati taht dan l-artikolu invista li ghalkemm il-hsara fuq proprjeta' ta' terzi tirrizulta din kienet wahda involontarja.

It-tielet imputazzjoni ma gietx ippruvata mill-provi prodotti.

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat. Tqis li ghandha timponi piena ta' prigunerija li ghandha tigi sospiza.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, wara li rat l-artikolu 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghalhekk tikkundannah ghal ghaxar (10) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sena millum.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hati jhallas l-ammont ta' €227.50 rapprezentanti hlas ta' espert nominat. Tali ammont ghandu jithallas

fi zmien sena. F'kaz li l-ammont jew parti minnu ma jithallasx, il-bilanc jigi konvertit fi prigunerija.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda torbot lill-hati b'garanzija personali tieghu nnifsu ghaf-favur ta' Rachid Awad Adam Yakub taht penali ta' elf euro (€1,000) ghal zmien sena millum sabiex izomm il-kwiet mieghu.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat